GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦALL-PROGRAMMI TA' TAGĦLIM
U ASSESSJAR

# ĊIRKULARI

**Data:** 12 ta' Ġunju 2021 **Ref:** DLAP 175/2021

**Lill-:** Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi u Kapijiet tal-Iskejjel Primarji, Medji, Sekondarji u Post-Sekondarji tal-Istat

**Mingħand:** Sandra Ebejer – Direttur, Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar

**Suġġett:** Kif se jitkompla l-proċess tad-dħul tas-sistema tal-Learning Outcomes

---

Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kurrikulu fiż-żmien tal-pandemija, magħmul mis-setturi tal-Iskejjel tal-Istat, tal-Knisja u dawk Indipendenti flimkien mal-Malta Union of Teachers, qabel li l-proċess tad-dħul tas-sistema tal-Learning Outcomes jitkompla kif ġej:

a. Li matul is-sena skolastika 2021-2022, minħabba l-konsegwenzi tal-pandemija, ma titkompliex tiddaħħal is-sistema u li matul din is-sena jsir it-taħriġ meħtieġ bi tħejjija għat-tkomplija tal-introduzzjoni tagħhom matul is-sena skolastika ta' wara.

b. Il-Learning Outcomes ikomplu jiddaħħlu mill-2022-2023 u ma jkunx hemm aktar posponiment għad-dħul tagħhom u għat-taħriġ li jkun meħtieġ, sena wara sena, sakemm ikunu daħlu fis-snin kollha sas-sena skolastika 2024-2025.

Flwaqt li matul id-diskussjonijiet kien hemm pożizzjonijiet differenti, id-deċiżjoni tal-Grupp ta' Ħidma hija dik indikata hawn fuq, li magħha ser jimxu s-setturi kollha u l-Malta Union of Teachers.

Grazzi tal-attenzjoni.

**Sandra Ebejer**
**Direttur,**
**Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**

t + 356 2598 2427/8 | e dlap@gov.mt | www.education.gov.mt